**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.**

**Rikors Ġuramentat Nru.: 797/2016 MH**

**Illum, 12 ta' Ottubru, 2020**

**Untours Insurance Agents (C5655) għal Q.I.C.I. kif surrogata fid-drittijiet ta' Martin Zerafa u l-istess Martin Zerafa**

**vs**

**Clifton Debrincat**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ġuramentat tas-soċjeta' attriċi tat-12 ta' Settembru 2016** li permezz tiegħu esponiet hekk -

***"DIKJARAZZJONI***

*Is-Soċjeta' attriċi tikkonferma bil-ġurament is-segwenti fatti li tafhom personalment:*

*Illi l-istanti assikurat tas-Soċjeta' mittenti Martin Zerafa kien qiegħed isuq il-vettura tiegħu tal-marka BMW 535D bin-numru ta' reġistrazzjoni MZS-535 fi Triq Tal-Istabal, limiti ta' Hal Qormi, fid-9 ta Novembru, 2014 fejn seħħ inċident stradali meta l-konvenut, li kien qed isuq il-vettura tal-marka VW Passat bin-numru ta' reġistrazzjoni DBG-298, mingħajr ma ħadet d-dovuti kawteli għall-vetturi oħra, baqgħet dieħla fuq il-vettura tal-istanti, u bħala konsegwenza kkawżat l-imsemmi skontru stradali bejn l-indikati vetturi;*

*Illi l-inċident stradali seħħ unikament minħabba negliġenza, imprudenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut illi naqas milli jżomm proper lookout għal vetturi oħra;*

*Illi riżultat ta' dan l-inċident stradali l-istanti sofriet danni konsiderevoli u estensivi fil-vettura tal-assikurat tagħha;*

*Illi l-konvenut, għalkemm diversi drabi interpellat, bl-ebda mod ma għamel tajjeb għad-danni minnu kkaġunati kif imfisser;*

*Illi l-istanti Martin Zerafa b'ebda mod ma kien responsabbli għall-incident stradali msemmi;*

*Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

*RAĠUNI TAT-TALBA*

*Illi l-istanti assikurat tas-Soċjeta' mittenti Martin Zerafa kien qiegħed isuq il-vettura tiegħu tal-marka BMW 535D bin-numru ta' reġistrazzjoni MZS-535 fi Triq Tal-Istabal, limiti ta' Hal Qormi, fid-9 ta Novembru, 2014 fejn seħħ inċident stradali meta l-konvenut, li kien qed isuq il-vettura tal-marka VW Passat bin-numru ta' reġistrazzjoni DBG-298, mingħajr ma ħadet d-dovuti kawteli għall-vetturi oħra, baqgħet dieħla fuq il-vettura tal-istanti, u bħala konsegwenza kkawżat l-imsemmi skontru stradali bejn l-indikati vetturi;*

*Illi l-inċident stradali seħħ unikament minħabba negliġenza, imprudenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut illi naqas milli jżomm debita attenzjoni u proper lookout għal vetturi oħra;*

*Illi riżultat ta' dan l-inċident stradali l-istanti sofriet danni konsiderevoli u estensivi fil-vettura tal-assikurat tagħha li jammontaw għal tlieta u għoxrin elf u Ewro (€ 23,000.00c), oltre spejjeż ohra korrelatati hekk kif elenkat fil-prospett ta' danni;*

*Illi l-konvenut, għalkemm diversi drabi interpellat, qatt ma resaq għall-assunzjoni ta' responsabilità u għalhekk bl-ebda mod ma għamel tajjeb għad-danni minnu kkaġunati kif imfisser;*

*Illi l-istanti Martin Zerafa b'ebda mod ma kien responsabbli għall-inċident stradali de quo;*

***<u>TALBIET</u>***

*Tgħid għalhekk il-konvenuta għaliex m'għandiex din l-Onorabbli Qorti:*

*Tiddikjara lill-konvenut, Clifton Debrincat, responsabbli għall-incident stradali li seħħ f'Tal-Istabal, limiti ta' Hal Qormi, fid-9 ta' Novembru 2014 u għad-danni li b'riżultat ta' l-istess sofriet s-soċjeta' attriċi fil-vettura tal-assikurat tagħha;*

*Tillikwida d-danni fl-ammont ta' tlieta u għoxrin elf Ewro (€ 23,000.00c), oltre spejjeż oħra korrelatati hekk kif elenkat fil-prospett ta' danni;*

*Tikkundanna lil-konvenut, għalkemm diversi drabi interpellat, bl-ebda mod ma għamel tajjeb għad-danni minnu kkaġunati kif imfisser;*

*Bl-ispejjes inklużi dawk ta' żewġ ittri uffiċjali ntavolati waħda fil-21 ta' Lulju 2015 u oħra ntavolata llum stess maħruġa kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut u bl-imgħax mid-data tal-intavolar tal-ewwel ittra uffiċjali kontra l-konvenut li hu minn issa inġunt għas-subizzjoni."*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors ġuramentat.

Rat **ir-risposta ġuramentata ta' Clifton Debrincat tat-13 ta' Jannar 2017**[1] li permezz tagħha espona:

1. *"Illi l-ewwel talba hija ammessa;*

2. *Illi t-tieni u t-tielet talbiet huma kontestati bħala infondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante li l-ammont reklamat huwa eċċessiv, u dan kif se jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

[1] Fol 15

3. *Illi in kwantu għall-ispejjeż, inkluż dawk ta' l-ittri uffiċjali reklamati, dawn huma kontestati – jiġi eċċepit illi s-soċjeta` attriċi kienet ilha mis-sena 2014 konsapevoli mill-fatt illi r-responsabilita` għall-inċident de quo ma kenitx kontestata, u ilha taf mill-istess żmien illi l-kontestazzjoni dwar il-quantum kienet ibbażata fuq raġunijiet oġġettivi li huma aċċettabbli fil-qasam ta' l-assigurazzjoni, u li madanakollu s-soċjeta` attriċi għażlet li tibqa' għaddejja mingħajr ebda ġustifikazzjoni;*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri."*

Rat il-lista tax-xhieda annessa mar-risposta ġuramentata.

Rat il-provi tal-partijiet u semgħet it-trattazzjoni finali tad-difensuri tagħhom.

Rat illi l-kawża tħalliet għal lum għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Il-kawża odjerna tirrigwarda inċident stradali li seħħ fl-2014 fejn il-vettura misjuqa mill-assikurat tas-soċjeta' attriċi allegatament sofriet danni estensivi għall-liema hija talbet id-dikjarazzjoni ta' responsabilta' da parti tal-konvenut u l-konsegwenti ħlas tad-danni subiti.

Ma hemm ebda kontestazzjoni da parti tal-konvenut għar-responsabbilta' tal-inċident li minn naħa tiegħu jammetti l-ewwel talba. Il-kontestazzjoni tiegħu pero' hija fir-rigward tal-*quantum* pretiż mis-soċjeta' attriċi peress li fil-fehma tiegħu huwa eċċessiv.

Mill-atti jirriżulta li –

i. Fid-**9 ta' Novembru 2014** seħħ inċident stradali bejn Martin Zerafa, assikurat tas-soċjeta' attriċi[2], li kien qiegħed isuq il-vettura tiegħu tal-marka BMW 535D bin-numru ta' reġistrazzjoni MZS-535 fi Triq Tal-Istabal, limiti ta' Hal Qormi u l-konvenut li kien qed isuq il-vettura tal-marka VW Passat bin-numru ta' reġistrazzjoni DBG-298[3];

ii. Fis-**17 ta' Novembru 2014** is-soċjeta' attriċi talbet lis-soċjeta' assikurata tal-konvenut, Citadel plc sabiex taċċetta r-responsabbilta' tal-inċident stradali msemmi[4];

iii. Fit-**18 ta' Novembru 2014**, **Malcolm Bonnici, *motor surveyor* inkarigat mis-soċjeta' attriċi** għamel spezzjoni tal-vettura u ħejja rapport fejn indika li l-ispejjeż involuti biex jissewwew il-ħsarat fil-vettura kienu jammontaw għal ta' €3296.92 (VAT inkluż) in kwantu għal €1,300 għall-*panel beating*, €1156 għall-*ispray paint*, €280 *mechanical* u €58 għall-*A/C Filling*[5]. Din l-istima ma kinitx tinkludi l-parts imniżżlin fir-rapport. Huwa kompla jgħid li l-parir tiegħu f'dak ir-rapport kien li uħud mill-parts ikunu *second hand* imma oħrajn oriġinali jekk ma jinstabux *second hand*. Ikkonferma wkoll li f'dak ir-rapport ma ndikax li l-vettura kienet *beyond economical repair* għax fil-fehma tiegħu l-vettura setgħet tissewwa u għalhekk ukoll ma kienx indika *wreck value*. Spjega li meta jieħu deċiżjoni dwar jekk karozza tkunx ser tissewwa jew le huwa jkun diġa' ħa in konsiderazzjoni l-valur approssimattiv tal-*parts*;

iv. Fis-**26 ta' Novembru 2014** is-soċjeta' attriċi tat struzzjonijiet lill-impjegati tagħha biex b'referenza għas-*survey report* ta' Malcolm Bonnici jġibu stima tal-*parts* hemm indikati inkluż il-prezz għal kull *part* kif ukoll il-prezz totali; jekk

[2] Dok RV1 a fol 46
[3] Rapport tal-Pulizija a fol 5 et seq
[4] Email a fol 70
[5] Rapport a fol 14 et seq u xhieda viva voce a fol 54 et seq

il-*parts* humhiex mill-*istock*; jekk il-*parts* li huma ndikati bħala *pattern/second hand* humhiex ser jiġu provduti *pattern* jew *second hand*; u jekk xi *parts* mhumhiex disponibbli bħala *pattern* jew *second hand,* sabiex jipprovdu l-istima għal *parts* oriġinali[6];

v. Permezz ta' email responsiva datata **27 ta' Novembru 2014** is-soċjeta' attriċi ġiet infurmata li *second hand parts* għall-vettura msemmija ma kinux disponibbli u li sabiex jagħti stima tal-parts oriġinali l-aġent kien qed jitlob €50[7];

vi. Fit-**28 ta' Novembru 2014** is-soċjeta' attriċi bagħtet *reminder* lis-soċjeta' assikurattiva Citadel plc sabiex tagħtiha risposta dwar l-aċċettazzjoni ta' responsabilta' għall-inċident[8];

vii. Permezz ta' email datata **1 ta' Diċembru 2014** is-soċjeta' attriċi aċċettat li tħallas il-€50[9] u talbet l-istima tal-*parts* oriġinali[10], liema stima waslet l-għada **2 ta' Diċembru 2017** u li laħqet total ta' €18,988**.** Is-soċjeta' attriċi ġiet ffruta wkoll skont ta' 10% li b'hekk kien iniżżel l-istima għal **€17,089.20**[11];

viii. Permezz ta' email datata **4 ta' Diċembru 2014** is-soċjeta' attriċi nfurmat lil Citadel plc li minn *pre-risk survey* li sar fuq il-vettura din ġiet stmata għal €26,500 u li skont is-survey report u l-istima tal-parts id-danni kienu jammontaw għal circa €23,000. Is-soċjeta' attriċi ndikat ukoll li minn informazzjoni li taha s-surveyor, dawn id-danni kienu riferibbli biss għal dawk viżibbli u danni oħrajn setgħu jinstabu potenzjalment ladarba l-vettura tiġi

[6] Fol 65
[7] Fol 66
[8] Fol 75
[9] Talli ngħatat quote tal-parts minnn Muscat Motors.
[10] Fol 67
[11] Fol 68

żarmata. Ir-*wreck* kienet qed tiġi stmata €3,000 – Citadel ingħatat l-opportunita' li tiddeċiedi jekk tħallix lis-sid iżommha jew li tiġi trasferita lill-istess Citadel. Citadel ingħatat l-opportunita' li tispezzjona l-vettura. Is-soċjeta' attriċi kkonċeditilha 48 siegħa biex tikkomunika magħha l-pożizzjoni tagħha u fin-nuqqas, hija kienet ser tipproċedi bil-ħlas tas-somma ta' €23,500 u l-klijent iżomm ir-wreck

ix. **Richard Vella, Kap Eżekuttiv tas-soċjeta' attriċi** xehed[12] li *"permezz tas-survey (Dok UNT 1 anness mar-rikors ġuramentat) il-vettura BMW 535 Sport ġiet dikjarata beyond economical repair. Fuq il-parir tas-Surveyor Anthony Mizzi ġie maqbul li Martin Zerafa jitħallas is-somma ta' €23,000 bħala cash settlement."* Ix-xhud ikkonferma wkoll li l-assikurat Martin Zerafa ħallas *excess* ta' €80.00;

x. Fl-**10 ta' Diċembru 2014** seħħew diversi avvenimenti – (a) is-soċjeta' attriċi reġgħet fakkret lil Citadel Insurance biex tispezzjona l-vettura qabel sidha jiddisponi minnha[13]; (b) is-soċjeta' attriċi ħallset lil Martin Zerafa is-somma ta' €23,000 għas-saldu tal-ħsarat kollha subiti fil-vettura tiegħu[14]; (c) is-soċjeta' Citadel plc infurmat lis-soċjeta' attriċi li hija kienet ikkuntattjat lill-assikurat tagħha li nfurmahom li kien ser jiddisponi mill-vettura dakinhar stess u għalhekk talbet lill-istess soċjeta' attriċi sabiex tinfurmah li kienet ser tibgħat surveyor sabiex jispezzjona l-vettura[15]; (d) is-soċjeta' attriċi nfurmat lil Citadel plc li jekk sas-16 ta' Diċembru ma kinitx ser tirċievi mingħandha ammissjoni ta' responsabbilta' kienet sejra tipproċedi bi proċeduri legali[16];

---

[12] Fol 45
[13] Fol 80
[14] Fol 17 et seq
[15] Fol 78
[16] Fol 82

xi. L-għada, **11 ta' Diċembru 2014**[17] is-soċjeta' Citadel plc kitbet lis-soċjeta' attriċi fejn infurmatha li wara li evalwat ir-rapport tas-*surveyor* tat-18 ta' Novembru 2014 hija ma kinitx f'qagħda li tħallas il-claim għall-ammont ta' €26,000 inkluż €3,000 tar-*wreck*. Is-soċjeta' Citadel plc qajmet diversi oġġezzjonijiet għall-pretensjoni tas-soċjeta' attriċi fosthom għax il-vettura kienet ġiet spezzjonata fil-garaxx privat tas-sid u mhux ġo garaxx għat-tiswijiet approvat. Inoltre hija lmentat li meta s-*surveyor* tagħha l-jum ta' qabel kien mar sabiex jispezzjona l-vettura, s-sid qallu li kien laħaq biegħ ir-*wreck* għal €3,000 lil terz mhux magħruf u dan kuntrarju għal dak li kien ingħad lilhom fl-email tal-4 ta' Diċembru 2014. Inoltre wara li evalwat il-pretensjoni tas-soċjeta' attriċi, is-soċjeta' Citadel plc nnutat diversi punti fosthom –

- Ir-rapport tas-surveyor ma jindikax li l-vettura kienet iddikjarata *beyond economical repair*
- Ma kienx hemm stimi ta' *pre-accident* u ta' *wreck value* fir-rapport
- Il-lista tal-parts fir-rapport tas-*surveyor* kien messha tkun *second hand* mentri l-korrispondenza mibgħuta lilha mis-soċjeta' attriċi kienet tirreferi għal parts ġodda. Is-soċjeta' Citadel plc stmat il-*parts* ġodda għal *circa* €15,000 u saħqet illi kieku kienu ġew mixtrija *second hand* il-prezz kien ikun ta' *circa* €7,000

Għalhekk is-soċjeta' Citadel plc ddikjarat li ma kinitx qegħda taqbel mal-proposta tas-soċjeta' attriċi għall-ħlas tas-somma ta' €23,000 u sid il-vettura jżomm ir-*wreck*. Invece hija għamlet kontro-proposta għall-ħlas ta' €12,000 u sid il-vettura jżomm ir-*wreck*.

[17] Fol 83

xii. Fl-**24 ta' Jannar 2014 is-surveyor Anthony Mizzi** spezzjona l-vettura in kwistjoni u ta stima tal-valur tagħha fis-suq għas-somma ta' €26,500[18]. Huwa xehed[19] li f'din iċ-ċifra ħa in konsiderazzjoni l-*extras* u l-kundizzjoni tagħha. Spjega wkoll li din kienet vettura *top of the range* u kellha *full extras* u saħansitra *windscreen display*.

xiii. Xehed ukoll **Natalino Agius, surveyor tal-vetturi[20]** li ġie nkarigat mis-soċjeta' assikurattiva tal-konvenut sabiex jispezzjona l-vettura mertu ta' dawn il-proċeduri iżda meta ċempel lil sidha dan qallu li kien biegħha l-ġurnata ta' qabel għax is-soċjeta' assikurattiva tiegħu kienet tagħtu l-*go ahead* biex jagħmel dan. Għalhekk huwa kellu jagħmel l-analiżi tiegħu fuq is-*survey report* tat-18 ta' Novembru 2014 inkluż ir-ritratti tal-ħsarat. Huwa spjega li l-vettura kienet BMW 5 Series b'magna kbira u manifatturata fis-sena 2005. Kienet inġiebet f'Malta second hand u ġiet reġistrata fil-11 ta' Marzu 2011. *Mileage* kellha 168,134. Qal li minn riċerka li għamel, meta l-vettura nġiebet Malta fl-2011 kienet stmata għall-valur ta' circa €15,500. Kompla jispjega li meta vettura tkun ilha dawk is-snin barra u jkollha dak il-*mileage* ir-rakkomandazzjoni tkun li l-parts l-ewwel jinbidlu *second hand*. Imbagħad meta ma jsibux *second hand* imorru għal *imitation pattern*. Ix-xhud qal ukoll li meta huma fittxew għall-parts involuti, sabu *second hand* u kienu jammontaw għal prezz irħas ta' circa €7,000. Ma tax aktar informazzjoni dwar dan, almenu waħda dokumentarja. Għalkemm il-vettura ma rahiex, ix-xhud kien tal-fehma li l-vettura setgħet tissewwa meta wieħed iqis li din kienet tinvolvi spejjeż ta' circa €10,000 (*labour* jiskorri t-€3000 u parts circa €7000). Huwa kompla jispjega x'jieħdu in konsiderazzjoni meta jiġu biex jiddeċiedu jekk vettura hijiex *beyond economical repair* jew le, u fil-każ tal-vettura odjerna li kienet ilha barra 9 snin fiż-żmien tal-inċident, huma jikkunsidraw kemm ser jiġbru tagħha u kemm fiha

[18] Fol 51
[19] Fol 88 et seq
[20] Fol 102 et seqż

ħsara u jħallu f'idejn il-kumpanija t'assikurazzjoni jekk tridx issewwi jew inkella tbiegħ il-vettura u tissetilja mas-sid. Il-parir li ta' lis-soċjeta' Citadel plc kien li mal-€10,000 joffru 20% oħra sabiex ikopru f'każ li tinstab iżjed ħsara waqt it-tiswija u b'hekk irrakkomanda offerta ta' €12,000.

In kontro-eżami huwa kkonferma li peress li l-vettura ma rahiex huwa ma kienx konsepavoli tal-kwalita' li kienet fiha għax mexa fuq ir-rapport tas-surveyor li kien raha. Għar-rigward tar-riċerka li xehed li għamel dwar il-parts huwa ikkonferma li ma kellux dokumenti x'jippreżenta għax hu sempliċiment fittex fuq l-internet.

xiv. Xehed **Lawrence Formosa, in rappreżentanza ta' Citadel plc**[21] li spjega x'wassal lis-soċjeta' sabiex ma taqbilx mal-proposta tas-soċjeta' attriċi rigward il-*quantum* tal-ħlas senjatament għax fl-opinjoni tagħhom ir-rapport tas-surveyor kien inkonklussiv u ma setgħux jaslu għal konklużjoni li jaqblu mas-somma ta' €26,500. Inoltre, l-vettura kienet ġiet spezzjonata ġo garaxx privat kontra kull prassi fejn is-soltu l-vettura tiġi spezzjonata għand *approved repairer*. Ix-xhud kompla jgħid li meta mar is-surveyor inkarigat minnhom Natalino Agius biex jispezzjona l-vettura s-sid qallu li s-soċjeta' attriċi kienet tagħtu l-kunsens biex ibiegħha u hekk kien għamel. Lanqas ir-rapport tas-surveyor imqabbad mis-soċjeta' attriċi ma kien jgħid li l-vettura kienet *beyond economical repair*. Hu spjega wkoll li kienu offrew €12,000 peress li meta rriċerkaw il-prezz fis-suq tal-vettura din kienet tiswa €15,400. In kontro-eżami huwa kkonferma l-prassi li s-soċjeta' assikuratriċi tal-vettura li tkun *fully comprehensive* tagħmel is-survey hi u l-kwistjoni tieqaf hemm mingħajr il-ħtieġa li s-soċjeta' assikurativa tan-naħa l-oħra tara l-vettura; madankollu qal li dan ma jfissirx li wieħed ma jagħmilx domandi.

[21] Fol 116 et seq

xv. Fl-**10 ta' Mejju 2015** is-soċjeta' attriċi bagħtet ittra legali lill-konvenut fejn interpellatu jħallas is-somma ta' €23,000[22] għad-danni kaġunati lill-vettura tal-assikurat tagħhom, li ġie segwita minn ittra uffiċjali datata **20 ta' Lulju 2015**[23];

xvi. Fit-**12 ta' Settembru 2016** ġew intavolati l-proċeduri odjerni mis-soċjeta' attriċi.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

**L-artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili** jipprovdi li *"kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu."*

Dan mhuwhiex kontestat fil-proċeduri odjerni.

Il-kwistjoni hija dwar kemm għandu jiġi kundannat iħallas il-konvenut għad-danni subiti fil-vettura tal-assikurat tas-soċjeta' attriċi u ċioe' jekk hux l-ammont pretiż mis-soċjeta' attriċi jew inkella somma inqas kif pretiż mill-konvenut, li minn naħa tiegħu ndika s-somma massima ta' €12,000.

Ingħad hekk fil-każ **Anthony Xuereb et vs Noel Caruana deċiż fit-30 ta' Ġunju 2004 -**

*"**Danni***

*F' dan ir-rigward huma applikabbli s-segwenti prinċipji esposti mill-Onorabbli Qorti tal-App.Inferjuri fil-każ **[PS] Percius Car Hire Limited vs Richard Schembri** [20.1 0.2003] fejn ġie osservat hekk:*

[22] Fol 61
[23] Fol 63

*"Huwa minnu li di regola d-danneġġjat għandu d-dover li jagħmel dak kollu li hu raġjonevoli biex inaqqas il-ħsara konsegwenti għall-fatt illeċitu [Vol.XL.II.653] b'mod li jiġi eskluż fil-każijiet kongruwi, mir-risarċiment ta' dik il-parti tad-danni dovuta għan-nuqqas tiegħu li jieħu dawk il-passi. Jibqa' pero' dejjem il-fatt illi huwa ma huwiex obbligat jitgħabba b'piżijiet biex inaqqas il-ħsara [Vol.XXXVIII.I.249].*

*Tinsorġi għalhekk regola oħra daqstant ieħor importanti f'materja ta' danni fil-kolliżjonijiet stradali, li tikkonferixxi lid-danneġġjat id-dritt tar-resitutio in integrum b' mod li jirreintegra l-patrimonju tiegħu minn kull konsegwenza ekonomika tal-event dannuż [App.Inf.* ***Antonio Zammit vs Mario Calleja*** *– 12.01.1977]."*

Ferm il-premess il-Qorti tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet għall-fini tal-każ odjern -

1. Fl-ewwel lok u għal kull buon fini rriżulta li bħala prassi, fejn vettura tkun inxurjata *fully comprehensive* din normalment tiġi assessjata għall-ħsarat mis-soċjeta' assikurattiva ta' sid dik il-vettura biss, għalkemm kif ġustament osserva r-rappreżentant tas-soċjeta' assikurattiva tal-konvenut, kwalunkwe soċjeta' assikurattiva tal-kontro-parti għandha kull dritt li tingħata sodisfazzjon għal domandi/kontestazzjonijiet li tressaq. Fil-każ odjern jidher li s-soċjeta' attriċi tat opportunita' lis-soċjeta' assikurattiva tal-konvenut li tibgħat *surveyor* hi sabiex jispezzjona l-vettura. Huwa minnu li effettivament dan xorta ma seħħx għax sid il-vettura laħaq iddispona minnha[24]. Pero' dan in-nuqqas waħdu ma rrekax

[24] ħaġa bħal din setgħet tiġi evitata bi ftit aktar rieda tajba bejn il-partijiet involuti għalkemm tajjeb jingħad li s-soċjeta' attriċi kienet ilha mill-4 ta' Diċembru 2014 li talbet lis-soċjeta' assikurattiva tal-konvenut sabiex tibgħat surveyor tagħha jispezzjona l-vettura u kien biss fl-10 ta' Diċembru 2014 li din tal-aħħar iddeċidiet li tagħmel dan.

preġudizzju rrimedjabbli lill-konvenut in kwantu s-soċjeta' assikurattiva tiegħu xorta ngħatat l-opportunita' li teżamina d-dokumentazzjoni marbuta mal-ħsarat involuti u fil-fatt waslet għal pożizzjoni għal dak li huwa *quantum* li fil-fehma tagħha għandu jkun dovut lis-soċjeta' attriċi;

2. Wara li għarblet il-pożizzjonijiet u l-provi rispettivi tal-partijiet il-Qorti hija tal-fehma li s-soċjeta' attriċi ġabet provi biżżejjed biex tiġġustifika s-somma mitluba fl-intier tagħha. Dan għaliex -

i. bħala punt tat-tluq, għalkemm huwa minnu li fis-*survey report* (a fol 14 tal-proċess) ma ġiex indikat mis-*surveyor* li l-vettura in kwistjoni kienet *beyond economical repair*, il-Qorti tifhem li dan kien għaliex tali rapport kien jinkludi biss il-valur tal-ispejjeż marbuta mat-tiswija manwali tal-vettura u ċioe' *panel beating*, *spray paint*, *mechanical* u *A/C filling*. *Per se* dawn l-ispejjeż ma kinux jammontaw għal ammonti esorbitanti. U kif xehed l-istess surveyor, huwa ma kienx f'dak il-mument irrakkomanda li l-vettura titqies bħala *beyond economical repair* peress li kien ħa in konsiderazzjoni biss tal-valur approssimattiv tal-*parts* li, fil-maġġor parti assoluta tagħhom, huwa kien indikahom fir-rapport bħala *pattern/second hand*. Iżda kien proprju **<u>wara</u>**, u ċioe' meta s-soċjeta' attriċi bdiet tindaga dwar il-parts indikati f'dak ir-rapport li x-xenarju nbidel drastikament mill-aspett monetarju;

ii. ġie muri mill-provi li l-vettura BMW in kwistjoni hija meqjusa bħala *top of the range* u li kellha *full extras* u saħansitra *windscreen display;*

iii. il-konvenut jargumenta li l-vettura setgħet tissewwa u li l-parts setgħu jinxtraw bi prezz irħas *second hand*. Meta xehed is-*surveyor* inkarigat mis-soċjeta' assikurattiva tal-konvenut Natalino Agius huwa qal biss li skontu l-parts meħtieġa setgħu jinxtraw *second hand* għal nofs il-prezz tal-oriġinal, iżda

meta mbagħad intalab jissostanzja din l-affermazzjoni huwa qal **biss li kulma kien għamel kienet riċerka ġenerika fuq l-internet**. U lanqas biss ġiet preżentata xi dokumentazzjoni li almenu tissostanzja dak li qal. L-istess jingħad għall-allegazzjoni tas-soċjeta' Citadel plc li hija kienet irriċerkat fis-suq u sabet vettura simili għal dik tal-kawża odjerna bil-prezz ta' €15,400 – qatt ma nġiebet prova konkreta u dokumentata ta' dan u wisq anqas ġie muri li l-vettura li kienu qed jirreferu għaliha kienet komparabbli mal-vettura odjerna bil-*full extras* kif kienet munita l-istess;[25]

iv. Dan għal kuntrarju tas-soċjeta' attriċi li wriet anke tramite l-korrispondenza elettronika esibita minnha li hija għamlet l-almu tagħha sabiex timminimizza d-danni billi fl-ewwel lok talbet l-istima għall-parts *second hand* safejn dan kien possibbli u kif rakkomandat mis-surveyor fir-rapport tiegħu. Kien biss meta ġie kkonfermat li dawn ma kinux disponibbli li s-soċjeta' attriċi talbet l-istima tal-parts oriġinali li bl-iskont ta' 10% telgħu għall-ammont esorbitanti ta' €17,089.20. Issa ma' dawn l-ispejjeż wieħed jeħtieġ iżid is-somma ta' €3,296.92 li ġiet indikata fis-*survey report* għat-tiswija manwali, liema ċifra ma ġietx kontestata mill-konvenut. B'hekk iċ-ċifra totali diġa' tilħaq is-somma ta' €20,386.12. Ma din iċ-ċifra wieħed irid ulterjorment jalloka spejjeż oħra għal ħsarat li jistgħu jimmanifestaw ruħhom waqt li tkun qed tissewwa l-vettura. Jekk dawn l-ispejjeż jiġu mqar kalkulati fuq 20% tal-prezz - kif indikat mis-surveyor Natalino Agius imressaq mill-konvenut stess - allura s-somma aħħarija li s-soċjeta' attriċi kien ser ikollha toħroġ għat-tiswija tal-vettura kienet fl-istess ilma tal-*cash settlement* ta' €23,000 li hija ħallset lill-assikurat tagħha. Għalhekk hija meqjusa raġjonevoli d-deċiżjoni tas-soċjeta' attriċi li tasal għall-arranġament li wasslet mal-assikurat tagħha;

25

v. Il-Qorti rat ukoll il-bqija tad-dokumenti preżentati mis-soċjeta' attriċi taħt l-intestatura "Prospett tad-Danni" a fol 13 et seq u tqis li huma wkoll dovuti.

Għal dawn ir-raġunijiet it-tieni u t-tielet talba tas-soċjeta' attriċi sejrin jintlaqgħuu konsegwentement it-tieni eċċezzjoni tal-konvenut sejra tiġi respinta.

Fit-tielet eċċezzjoni tiegħu l-konvenut jikkontesta l-ispejjeż tal-kawża iżda anke hawn il-Qorti ma ssibx li dan l-ilment huwa ġustifikat in kwantu kif ingħad mis-suespost l-aġir tas-soċjeta' attriċi huwa meqjus raġjonevoli fiċ-ċirkustanzi.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi -**

**1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut;**

**2. Tilqa' t-talbiet tas-soċjeta' attriċi kif dedotti;**

**3. L-ispejjeż tal-kawża għandhom ikunu a karigu tal-konvenut.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**